MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2015

Numru. 1132/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Frankie Sammut**

**VS**
**Reno Azzopardi detentur tal-karta tal-identita' numru 457084M;**
**Carmelo Cutajar detentur tal-karta tal-identita' numru 395448M;**
**Jesmond Haidon detentur tal-karta tal-identita' numru 70471M;**
**U Joanne Ellul detentrici tal-karta tal-identita' numru 149278M**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Reno Azzopardi, Carmelo Cutajar, Jesmond Haidon, u Joanne Ellul**, li gew akkuzati talli:

Fil-lejl ta’ bejn id-29 u t-30 ta’ Ottubru, 2010 b’diversi atti maghmulin f’hinijiet differenti fil-Gzejjer Maltin, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b’risoluzzjoni wahda u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

Nhar id-29 ta’ Ottubru, 2010 ghall-habta tad-9.30 ta’ filghaxija, filwaqt illi kienu fir-residenza li tinsab fil-fond numru 83, Triq Abram Gatt, gewwa Bormla, u aktar tard, filwaqt illi kienu qeghdin isuqu minn Bormla lejn l-Imisida u kienu fl-istess inhawi tal-Imsida, bla ordni skont il-Ligi tal-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat sabiex jarresta lill-hati, arrestaw, zammu, jew issekwestraw il-persuna ta’ Rita Agius mill-Kalkara, kontra l-volonta’ taghha, jew taw il-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma, jew issekwestrata, waqt liema delitt heddewha li joqtluha jew jaghmlulha offiza fuq il-persuna taghha, u dan bi ksur tal-Artikoli 86 u 87(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, uzaw vjolenza sabiex igieghlu lil xi hadd jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel xi haga u dan bi ksur tal-Artikolu 251(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, gabu ruhhom b’tali mod li kkagunaw lil haddiehor biza’ li ser tintuza

vjolenza, u dan bi ksur tal-Artikolu 251(B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, u lok, inguraw u heddu lil Rita Agius, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, u lok, qalu fil-pubbliku kliem oxxen u ndecenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, u lok, cioe' kemm fl-inhawi ta' Bormla, kif ukoll fl-inhawi tal-Imsida, volontarjament kisru l-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijet ta' Malta;

**Reno Azzopardi, Carmelo Cutajar, u Jesmond Haidon wahidihom**:

Nhar id-29 ta' Ottubru, 2010, ghall-habta tal-1030 ta' filghaxija, filwaqt li kienu fir-residenza li tinsab fil-fond Flat numru 4, St George's House, Triq il-Bacir, gewwa l-Imsida, bla ordni skont il-Ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat sabiex jarresta lill-hati, arrestaw, zammew, jew issekwestraw il-persuna ta' Rrichard sive Rakela Spiteri, mill-Belt Valletta, kontra l-volonta' taghha, jew taw il-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma, jew issekwestrata waqt liema delitt heddewha li joqtluha jew jaghmlulha offiza fuq il-persuna taghha, u dan bi ksur tal-Artikoli 86 u 87(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, uzaw vjolenza sabiex igieghlu lil xi hadd jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel xi haga, u dan bi ksur tal-Artikolu 251(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, u lok, hebbew kontra l-persuna ta’ Richard sive Rakela Spiteri, mill-Belt Valletta, sabiex jinguraw, jew jaghmlu hsara lill-istess u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijie ta’ Malta;

U aktar talli **Reno Azzopardi wahdu**, fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel id-delitt kontra s-sigurta’ tal-Gvern jew kontra l-persuna (barra minn omicidju nvolontarju jew offiza fuq il-persuna nvolontarja) jew delitt ta’ serq jew ta’ hsara lill-proprjeta’ (barra minn hsara nvolontarja lill-proprjeta’), kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, hedded serjament bil-mewt lil Rita Agius mill-Kalkara, u lil Richard Spiteri mill-Belt Valletta, permezz ta’ arma regolari;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kellu fil-pussess arma regolari, cioe’ senter, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

U aktar talli nhar id-29 ta’ Ottubru, 2010 , ghall-habta tal-1030 ta’ filghaxija, filwaqt li kien fir-residenza li tinsab fil-fond Flat numru 4, St George’s House, Triq il-Bacir, l-Imsida, ikkometta serq ta’ mobile phone tad-ditta Nokia, mudell 3220 u bin-numru tas-serje 351860/01/898496/50530839, ghad-dannu ta’ Richard Spiteri mill-Imsida, liema serq hu

kkwalifikat bil-vjolenza, bil-hin, u bil-lok, u dan bi ksur tal-Artikoli 262, 269(g), u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli filwaqt li kien qed jinzamm gewwa l-Ghassa tal-Imsida, u kien sejjer jigi eskortat lejn il-Lock-Up , harab mill-Kustodja tal-Pulizija;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, filwaqt li kien gewwa l-Ghassa tal-Imsida, ma obdnix l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixkel waqt li l-pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom;

U aktar tall sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;'

U aktar talli **Jesmond Haidon wahdu** nhar id-29 ta' Ottubru, 2010, ghall-habta tal-1030 ta' filghaxija, filwaqt li kien fir-residenza li tinsab fil-fond flat numru 4, St George's House, Triq il-Bacir, l-Imsida, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' ghamara li kienet tinsab fl-istess fond, ghad-dannu ta' Richard Spiteri, u persuni ohra, liema hsara teccedi €116.47 izda ma teccedix €1,164.69 u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli **Joanne Ellul wahidha** talli saret recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija minn Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Barra minn hekk talli kisret diversi ordnijiet ta' Probation moghtija mill-Magistrat Dr Michael Mallia LL.D fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza nghatat fid-9 ta' Gunju, 2009; mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza nghatat fis-6 ta' Novembru, 2009; mill-Magistrat Dr Joseph Apap Bologna LL.D fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza nghatat fit-12 ta' Frar, 2010; mill-Magistrat Dr Joseph Apap Bologna fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema zewg sentenzi nghataw fit-12 ta' Marzu, 2010; mill-Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza nghatat fis-7 ta' Ottubru, 2009;

U aktar talli **Carmelo Cutajar wahdu** talli kiser Ordni ta' Probation moghtija mill-Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza nghatat fis-26 ta' Novembru, 2009.

Rat illi l-imputati wiegbu li ma kinux hati tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom;

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe':

a. Fil-konfront tal-imputati kollha fl-Artikoli 18, 86, 87(1)(c), 251(1), 251B(1)(2), 339(1)(e), 338(bb), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta;
b. Fil-konfront ta' Reno Azzopardi, Carmelo Cutajar, u Jesmond Haidon fl-Artikoli 86, 87(1)(c), 251(1) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fil-konfront ta' Reno Azzopardi wahdu fl-Artikoli 49, 50, 261, 262(1)(2), 269(g), 270, 275, 276, 277(a), 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fil-konfront ta' Jesmond Haidon wahdu fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;.
e. Fil-konfront ta' Joanne Ellul wahidha fl-Artikoli 49, 50, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fil-konfront ta' Carmelo Cutajar wahdu fl-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-istess Artikoli, l-imputati taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji (folio 289).

Rat li l-**Ufficjal Prosekutur** esebixxa l-istqarrijiet mehuda minn kull imputat kif ukoll ir-rifjut ghal assistenza legali ta' kull imputat rispettiv, esebiti a folio 68-80. Xehed ghalhekk dwar l-investigazzjonijiet minnu kondotti u dak li minn hekk irrizultalu anke fuq ir-rapporti li hu rcieva minghand is-subalterni tieghu li kienu qed jinvestgaw ukoll il-kaz. Ikkonferma mill-investigazjonijiet li ghamel illi hadd mill-ko-imputati ma kien licenzjat biex igorr arma hlief ghal Carmelo Cutajar kif jirrizulta mill-esebit JB5 a folio 67 tal-atti. Ezebixxa wkoll diversi sentenzi in sostenn tar-recidiva – tlieta (3) fil-konfront ta' Joanne Ellul DOK JB, JB1, ukoll Dok RA; sentenza wahda fil-konfront ta' Reno Azzopardi. Esebixxa wkoll bhala Dok JB2 l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAF107 li dwarha Stephen Cachia xehed li kienet registrata fuq il-ko-imputata Joan Ellul.

Xehed ukoll dwar il-fatt li kien gie intercettat mill-pulizija Reno Azzopardi stante li dan ma kinx istab fuq il-post tal-incident. Qal li fuq istruzzjonijiet tieghu kienet saret search fuq il-persuna ta' kull arrestat u li minn fuq Reno Azzopardi gie elevat cellulari, aktarx ta' Richard Spiteri u li aktar tard

dan Spiteri gharaf bhala tieghu. Zied ukoll li fuq il-persuna ta' Carmelo Galea kien instab anke skartocc.

Dwar l-incident in ezami telghu z-zewg xhieda principali biex jiddeponu. Minn naha taghha certu **Rita Agius** xehdet li hi kellha l-vzzju tad-droga u li kienet tmur ghand Reno, wiehed mill-ko-imputati biex tinqeda ghal hekk. Ziedet li minghandu xtrat pakkett eronina u li gieli kienet hekk xtrat minghandu qabel. Kien hawn li skontha dan qalha biex titla' fil-karozza tieghu biex b'hekk tghidlu fejn kienet toqghod certa Raquela Spiteri. Ghalkemm insistiet li hi lil dan wegibitu li ma kinitx taf fejn toqghod din, Reno cemplilha lil din Raquela, ghamel bir-ruhu li maghha ried imur ghal skop ta' prostituzzjoni u b'hekk skont din Rita rikkibha fil-karozza u telqu ghand din Raquela. Ziedet illi hi fil-vettura dahlet ghax kienet imghieghla u bdiet tigi mhedda. Fil-fatt spjegat illi hi giet mhedda kemm minn Reno kif ukoll mill-ko-imputat deskritt minnha bhala x-xih. Giet mhedda b'hajjitha u anke li tintrabat mix-xih, allura kienet kostretta taghtiehom in-numru tac-cellulari ta' din Raquela. Spjegat ukoll li dan Reno kellu senter ikkargat lejha. Qalet li dan inqala' ghaliex din Raquela kienet serqet il-gizirana tax-xih u anke beghtitha. Kompliet illi fil-fatt Reno rikibha fil-karozza u heddidha li jekk ticcaqlaq kien ser jisparalha. Tat deskrizzjoni li din kienet riekba go karozza griza li ghalkemm misjuqa minn Reno Azzopardi kienet taf li kienet tal-ko-imputata Ellul. Qalet ukoll li giet imqieghda fuq is-seat ta' wara, Reno fuq quddiem isuq, l-anzjan fuq is-seat tal-passiggier, u hi fin-nofs bejn il-kumplament tal-ko-imputati. Spjegat ukoll illi kien Reno li beda jaghmel kollox, pero gharfet il-ko-impuati kollha bhala kollha nvoluti f'dan l-agir fuqha. Dwar fejn kien posizzjonat is-senter gol-karozza spjegat u baqghet nsistenti li kienet qed tigi mhedda bih; illi dan fil-karozza kien posizzjonat fin-nofs

tal-vettura, skondtha "*....lest ghalija wkoll*" (a folio160). Qalet li kien poggut fin-nofs biex jekk taharbilhom jisparawla. Qalet illi dawn bdew jitkellmu li kellhom imorru ghand Richard Spiteri maghruf bhala Rakela biex imorru jhedduh bis-senter biex irodd lura l-gizirana misruqa minghand ix-xih. Ghalhekk ziedet li nizlu l-erbgha mill-karozza u hallew hemm lit-tfajla Joanna, suppost atttenta maghha. Tghid pero din ix-xhud illi hi qalet lil Joanne li kienet se titlaq u ghalhekk tghid li harbet mill-vettura u " *....grejt hafna ...lejn l-ghassa*" (fol 165).

Xehdet illi meta kienu fil-karozza Reno beda jheddida bid-diskors *"qalli ma ticcaqlaqx ghax nisparalek" (*fol 166).

Qalet li meta nizlu mill-karozza dawn hadu s-senter maghhom, cioe’ biex dahlu ghand Rakela. Xehdet illi meta Reno cempel lil Rakela dan beda jghidlu biex jiltaqa’ mieghu l-Imsida fejn dana Spiteri kien fil-fatt joqghod.

Minn naha tieghu **Richard Spiteri** xehed li hu kien fil-flat tieghu gewwa l-Imsida u hemm kien ircieva telefonata, lehen maskili li hu m’gharafx, talbu ghal skop ta' prostituzzjoni biex jinzel il-Marsa. Dan qallu li kellu jaghrfu mill-Peugeot griza. Dan ix-xhud qal li rrifjuta l-offerta ta' dan il-kjamant ghax wiegbu li diga’ kien bil-pyjama. Dan pero rega’ cempillu u baqa’ jinsisti mieghu. Qal li dejjem cemplet l-istess persuna bl-istess numru. Xehed li cempillu tliet darbiet b'kollox. Dan tant kien insistent li anke offrielu li jhallsu doppju. Ftehmu ghalhekk li dan kellu jmur d-dar tax-xhud stess gewwa l-Imsida. Qal illi x'hin wasal minn fuq t-telefon indikalu d-direzzjoni u gharfu bhala l-ko-imputat Reno Azopardi li mieghu kellu wkoll lil Carmelo Galea. Ghalkemm xehed li hu lil dan Reno ma kinx jafu qabel, ammetta li ma’ Carmelo

Galea kellu incident zghir, fi kliemu, guranata qabel. Hawn spjega li fuq instigazzjoni u nsistenza ta' Rita kien mar maghha ghand dan ix-xih Carmelo Galea go daru gewwa Bormla u dan ix-xhud ighid li aljena lix-xih b'avanzi sesswali u seraqlu c-choker. Eskluda mill-istorja b'mod komplet pero lil Carmelo Cutajar, qal li dan lanqas biss dahal ghandu. Zied li pero x'hin ra lil Galea u Azzopardi flimkien, mohhu kklikkja ghaliex kienu marru hemm, cioe minhabba s-serq tac-choker. Xehed li meta fetah il-bieb lir Reno kellu f'mohhu li jiddilja ma' dan u li jerga' jgib lura c-choker, pero dan ma ridx jisma' u qallu "*Issa nghidlek x'igibli.*" u baghat lil Haidon igib is-senter. Qal li ra lit-tielet wiehed tiela' bis-senter, hawn Reno tefghu ma' rokna u ppuntalu s-senter go wiccu. Xehed li beda jzommu f'rokna bejn il-bathroom u s-sodda, dejjem bis-senter ippuntat lejh, skondtu jmiss ma' wiccu. Qal illi dak il-hin hu nfaqa' jibki, lix-xih qabdu minn xaghru u nizzlu 'l isfel, waqt li hu beda jitlobhom biex jirrangaw l-affarijiet. Zied li Reno anke xxutjalu mejda u hataflu l-mobile minn idu. Zied ukoll li hin minnhom dahlet l-gharusa ta' huha. Dawn, cioe' Azzopardi u Galea, ghax kellhom darhom lejh ma tawx kasha, u din ghamlitilha s-sinjal li kienet sejra l-ghassa. Xehed ukoll li nizel anke gar taghha li qallhom li kien ser jcempel lill-pulizija. Kien hawn li Reno u Haidon skontu harbu bis-senter, pero zied li Galea u l-mara baqghu hemm. Iddeskriva fil-konfront ta' Galea li tul l-episodju huwa baqa' bil-qieghda fuq is-sodda qisu s-sinjur, li kien qisu l-kmand taghhom, jghidilhom hu x'kellhom jaghmlu u dawn jaghmlu li jghidilhom. Zied li dan beda jghidlu dwar il-gizirana li ma kellux iggibha 'l ghada izda li jekk ma kinitx hemm dak il-hin kien se jtpattieha.

Dwar il-ksur li sofra fl-appartament xehed li kien Haidon li beda jkisser, tant li hin minnhom anke qata' subghajh. Dwar

il-hsara sofferta kkalkula li kienet tammonta ghal inqas minn mitt Ewro (€100).

Ghalih huma riedu jpattuhielu bil-fors nonostante li beda jibki u jitlobhom biex jirrangaw. Xehed "*Jien hassejt dak il-hin li it is my last five minutes*" (folio 114). Qal ukoll illi waqt li Reno kien qed jippuntalu s-senter, beda jghidlu d-diskors li kellu jpatti talli ha c-choker. Dwar Ellul qal li din kienet maghhom u li ma ppruvatx twaqqafhom.

Dwar il-mobile tieghu xehed illi dan gabru Haidon.

**Vince Brincat**, skont ix-xhud Spiteri xhud okkulari tal-istorbju li okkorra fil-flat tal-istess Spiteri, xehed illi hu kien rieqed ghal habta tal-ghaxra nieqes kwart u l-ghaxra ta' bil-lejl, sema' storbju qisu glied u argumenti. Qal li mar jilmenta mas-sid u li hu u sejjer lura ra l-pulizija telghin fil-flats. Zied li fil-flats kien hemm circa tlieta minn nies presenti, pero hu ma kinx jafhom u lanqas gharafhom.

Dwar l-incidenti hawn suriferiti xehdu l-pulizija nvoluti f'dawn l-investigazzjonijiet.

**PC 1447 Mark Copperstone** qal da parti tieghu u kkonferma li hu kien ha lil Reno Azzopardi d-Detox. Aktar dettalji dwar ir-rapporti ricevuti xehudhom **PS 1268 Ivan Caruna** u **PC 1369 Joseph Camilleri**.
Qal l-ewwel xhud illi fid-29 ta' Gunju dahlet l-ghassa tal-Imsida, ghall-habta tal-hdax u ghoxrin ta' bil-lejl, certu Rita Agius fi stat ta'panic. Irraportat li certu Reno minn Bormla kien ippuntalha senter ma' rasha u qallha biex titla' fil-karozza. Hadha l-Imsida u bdew jghidulha biex tghid fejn kien

joqghod certu Richard Spierti maghruf bhala Rakela. Kif waslu fuq il-post, din irnexxiela tahrab minn gol-vettura u marret l-ghassa tal-Imsida taghmel ir-rapport. Indikatilhom l-area fejn kien gara dan. Marru fuq il-post u sabu hemm lil Rachel Spiteri fi stat ta’ panic u jibki, u gewwa mieghu kien hemm Carmelo Galea u James Haidon. Xehed li dana ta’ l-ahhar anke kellu d-demm hiereg minn idu. Esebixxa il-PIRS report ta’ dan a folio 236 DOK IC.

Minn naha tieghu **PC1369 Joseph Camilleri** wkoll xehed dwar ir-rapport li ntavolat gewwa l-ghassa din Rita Agius. Zied illi meta waslu fl-appartament bl-indirizz Triq Bacir, l-Imsida, sabu hemm ticpis ta’ demm mal-art u erbgha minn nies presenti. Gharaf lill-imputati kollha barra lil Reno Azzopardi, ghaliex zied illi lil dak wara rah gewwa l-ghassa tal-Imsida. Qalli mill-investigazzjoni rrizulta li certu Raquela Spiteri kienet serqet gizirana minghand wiehed mill-imputati, kif ukoll illi nonostante t-tfittxija li saret gol-vettura ta’ Azzopardi (li ahna nafu li hija fil-fatt ta’ Joanne Ellul), ma nstabet hemm ebda arma.

Rat ukoll ir-relazzjonijiet tal-espert esebiti.

Senjatament dik ta’ **PC 122 Arthur Borg**, faxxikolu ta’ ritratti mehuda fuq ix-xena tad-delitt allegat, li juri xi ksur fl-appartament u ticpis ta’ dak li jidher dmija, kif ukoll griehi sofferti fuq id Jesmond Haydon.

L-esperti ballistic l-**Brigadier Maurice Calleja u Jesmond Cassar** ikkonkludew, dwar skartocc misjub illi:

“*Dok JB1 huwa skartocc tal-kacca mhux sparat ta’ Gauge 20 u ta’ lewn safrani. Dan l-iskartocc li huwa manifatturat l-*

*Italja mid-ditta RC ghandu n-numru 6 stampat fuqu kif ukoll GR28, dawn jindikaw li dan huwa kkargat bi 28 grammi comb ta' qies numru 6. Dan l-iskartocc jista' jigi sparat minn kull tip ta' senter ta' Gauge 20, jigifieri kemm wiehed semi-awtomatiku, pump action, ta' b'zewg kanen, u anke ta' kanna wahda. ghalkemm dan l-iskartocc huwa xi ftit izghar minn dawk l-aktar komuni, jigifieri dawk ta' gauge 12, pero xorta wahda huwa skartocc b'sahhtu hafna. Barra minn hekk, l-esponenti jixtiequ jzidu li c-comb li huwa kkargat bih dan l-iskartocc huwa meqjus bhala comb irqieq.*"

**<u>Dr Martin Bajada</u>** da parti tieghu esebixxa r-relazzjoni dwar ic-cellulari Dok JB.

Rat ukoll l-istqarrijiet esebiti. Hawn il-Qorti ser teskludi milli tiehu konjizzjoni tal-istarrija ta' Carmelo Galea stante li fil-konfront tieghu sar separazzjoni ta' gudizzju.

Rat ghalhekk fil-konfront ta' tali stqarrijiet, li huma kollha gew moghtija d-dritt ta' assistenza legali.

**<u>Carmelo Galea</u>** stqarr illi huwa kien pensjonant. Ammetta li ghandu Rita Agius kienet tmur ta' spiss. Innega li hu zamm lil Rita fid-dar, pero qal li sema' l-ghajjat u dahal jara x'kien qed jigri. Ammetta li telaq mid-dar maghhom kollha. Innega li hu heddidha li kien ser jorbotha bil-wire tal-hadid jekk ma kinitx se tghidilhom fejn kien ic-choker tad-deheb. Ammetta li telghu fil-karozza u marru ghand Raquela halli troddlu lura c-choker. Mistoqsi kellhomx senter fil-karozza, wiegeb li hu ma kinx rah ghax kien fuq wara tal-karozza. Qal li huma telghu ghand Raquela, li hu baqa' fil-karozza u beda jisma' l-glied. Qal li hu lanqas biss kien jaf kif kien il-flat ta' din Raquela

ghax ma kinx tela’ hemm, ghalhekk innega li kkaguna xi hsarat hemm gew.

Innega li hu heba xi senter. Ikkonferma li hu lejn l-ghassa rega rikeb mal-ohrajn.

**Jesmond Haidon** qal li kien sar jaf lil Rita Agius dik il-gimgha. Ammetta li kien ma’ wiehed mill-ko-imputati. Ammetta wkoll li kien maghhom meta marret Rita Agius. Ftakkar li ntqal id-diskors dwar serq ta’ choker u salib tad-deheb. Innega li hu kien partecipanti fiz-zamma ta’ Rita Agius. Jghid li ma ra lil hadd jipponta senter lejn wicc din Rita. Innega u jghid ukoll li ma jiftakarx illi hu qal lil din Agius li kien ser jorbotha bil-wire tal-hadid jekk ma kinitx ser tghid fejn kien ic-choker. Ammetta li flimkien mal-ohrajn kien rikeb fil-vettura Peugoet griz fil-waqt li kellhom mizmuma maghhom gol-vettura lil din Rita. Innega li hemm kien hemm xi senter. Ammeta li hu kien wiehed minn dawk li zamm lil Raquela fil-post taghha, pero rega’ nnega li xi hadd ippuntalha issa lil din xi senter lejha. Ammetta li d-demm misjub fil-lok kien hareg minn idu meta mar biex jaghti lil Raquela. Zied ukoll illi hu pero ma kien kisser xejn. Ammetta ukoll illi d-demm kien hareg minn idu x-xellugija. (vide ritrati gia’ suriferiti). Innega li hu ha sehem jew ippartecipa biex jinheba xi senter.

Minn naha tieghu **Reno Azzopardi** ammetta li kien jaf lil Agius u li din kienet tmur titlob il-flus lil wiehed mill-ko-imputati. Ammetta li meta sar jaf li nsteraq ic-choker hu kien offra li jgibu lura, pero nnega s-sekwestru ta’ Rita Galea. Innega wkoll li hu ppunta s-senter lejn Galea, wiegeb illi suppost Rita kienet taf hu x’kien issaraf, u li ma kellux ghalfejn juza senter fuqha. Innega wkoll li qalha li kien ser

jorbotha bil-wire. Zied li fil-karozza Rita marret minn jedda. Zied li fil-vettura ma kellux senter u li lanqas biss kellu wiehed. Ammetta li kien cempel lil Raquela biex imur mieghu. Qal li meta tela' ghand Raquela fil-flat sabu bil-pyjama u li dan induna li kien mar ghandu ghall-glied. Qal li din Raquela kienet qaltlu li ser iccempel lill-pulizija. Lahqu telghu l-ohrajn mill-karozza u xi hin anke kellimhom ragel li qal lil Raquale li kienet qed tqazzu. Zied li mbaghad cemplu lill-pulizija ghax Rita kienet telqet mill-karozza u marret l-ghassa. Dwar il-mobile misjub fuqu spjega li kien baqa' ghandu bil-fixla, li tefghu bil-fixla fil-but, u li tah minn jeddu lill-pulizija.

Innega li ppunta s-senter lejn Raquela u heddidha li kien ser joqtolha; daqstant iehor innega li hebb ghaliha u li kisser xi affarijiet gol-appartament taghha. Ammetta li hu ma kellux licenzji ta' armi u li qatt ma spara arma. Ghalhekk baqa' nsistenti li hu ma heba ebda -senter involut f'dan l-incident. Qal li hu mar l-ghassa ghax cemplu lill-pulizija. Qal li hu kien gie arrestat meta kien rieqed, u li ma harabx minn fuq il-post. Ried jitlaq biex jaghlef lill-ghasafar u bla fini ohra.

**<u>Joanne Ellul</u>** da parti taghha ammettiet li kienet marret tkellimha Rita Agius. Qalet li hawn giet mizmuma hemm Rita Agius pero mhux bit-theddid imma bil-kliem. Innegat li xi hadd ippunta xi senter lejn Rita. Qalet li semghet kliem dwar ic-choker indirizzat lejn Rita, pero mhux li hi tigi marbuta bil-wire tal-hadid. Ammettiet li din Rita kienet maghhom fil-karozza meta marru ghand Raquela u li zammewha hemm. Dwar is-senter qalet li kieku fil-karozza kien ippuntat lejn Rita kien jigi ppuntat lejhom kollha ghax kienu hafna fil-karozza. Qalet li meta waslu l-Imsida l-ohrajn, ghajr ghal Charlie, telghu kollha fil-flat minn fejn bdiet tisma' l-glied, u

li Rita fethet il-karozza u nizlet. Hi x-xhud tghid li telghet tara x'kien qed jigri, rat lil minn jargumenta ma' Raquela fuq il-gizirana u hawn din Rakela bdiet tghidilha li hi lilha kienet tafha u li kienet ser jgib il-gizirana l-ghada. Qalet li l-mobile misjub ghand wiehed mill-ko-imputati kien tal-istess Raquale li kienet tatulu sabiex ikun jista' jkellem lill-pulizija. Qalet li ma ratx senter. Ziedet li hargu mill-fond ghax il-gar ta' Raquela beda jargumenta maghhom biex jitilqu 'l barra.

Maghluqa il-provi kollha prodotti, ghaddiet biex tisma' t-trattazzjonijiet, dawk li fil-fatt saru, dan anke wara bosta differimenti anke ghal provi tad-Difza li baqghu ma tressqu qatt.

Illi rat l-Artikoli hawn fuq imsemmija li gew addebitati bhala akkuza u li ghalihom l-imputati taw il-kunsens ghal proceduri sommarji.

Ghalhekk skont l-Avukat Generali l-imputati kollha ghandhom iwiegbu ghal reat ta' sekwestru, fastidju, u ohrajn kontravenzjonali; menrti ghad-esklussjoni ta' Joanne Ellul, gew addebitati b'akkuzi ohra ta' sekwestru. Hawn qed isir distinzjoni cara u netta bejn l-ewwel avveniment li nvolva lil Rita Agius u dak fejn kienet involuta Raquela/ Richard Spiteri. Rita Agius kienet cara fix-xhieda taghha u nvolviet b'mod car lill-imputati kollha f'dan. Kienet certament mhedda u l-imputati kollha jekk mhux ghax vverbalizzaw l-intenzzjoni taghhom f'dan, pero ippartecipaw bil-presenza u l-attitudni taghom f'din is-sitwazzjoni, kienu f'dan is-sekwestru nvoluti kollha kemm huma. Certament Rita Agius giet mhedda b'hajjitha, imbezza' u moghtija fastidju b'hekk. Fuqha ntuzat vjolenza kemm verbali kif ukoll fisika ghax giet mizmuma u mghieghla titla' go karozza, u anke sahansitra

mhedda b'senter, ghalkemm il-partijiet kollha jinnegaw dan. Pero jammettu l-presenza taghha fid-dar ta' Ellul, jammettu l-presenza taghha fil-vettura, ghalkemm jghidu li kienet wahda volontarja. Ghalkemm kollha jinnegaw l-presenza tas-senter, pero stranament dan isemmih anke Richard Spiteri li kellu skontru ma' l-istess ko-imputati ftit tal-hin wara. Dan kollu japplika wkoll fil-konfront ta' dak li gara lil Richard Spiteri, pero hawn hija eskluza Joanne Ellul, li f'dan it-tieni theddid u sekwestru baqghet fil-karozza ghassa ma Agius . Tfakkar il-Qorti li hawn mhux biss giet mizmuma din Raquela, giet anke msawta - dan tghidu hi u anke l-istess Haidon dwar il-griehi li kellu f'idu; anke tghid li Cutajar nizzlilha xagharha, u oltre dan barra li kellha senter ippuntat lejha minn Azzopardi, Haidon beda jkissrilha l-flat. Tghid anke Spiteri li x-xih kien qisu l-kmand taghhom.

Ghalhekk premess u kkunsidrat dana kollu qieghda taqtaa u tiddecidi billi ssib htija fil-konfront fil-konfront ta' **RENO AZZPARDI, CARMELO CUTAJAR, JESMOND HAIDON U JOANNE ELLUL** u dan wara li rat l-Artikoli 18, 86, 87, 251(1), 339(1) (e), 338(dd) - ikoll tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, b'dan pero illi tqis ir-reat kontravenzzjonali mahsub fl-Artikolu 339(1) (e) bhala kompriz u nvolut fir-reat principali mahsub fl-Artikolu 251;

Tilliberahom pero mill-kontravenzjoni mahsuba fl-Artikolu 338(bb) ghax ma tirrizultax; daqstant tilliberahom mill-effetti tal-Artikolu 251B(1)(2) stante li hawn si tratta ta' reati dwar l-imgieba ta' persuna, imgieba li fil-gurisprudenza taghna giet interpretata li timplika "*a course of conduct*". Ghalkemm jidher li l-agir tal-imputati lejn Agius u Spiteri kien identiku, pero l-*course of conduct* irid ikun dirett lejn l-istess persuna

biex jigi kostitwit dan ir-reat. Dan mhux il-kaz in ezami. Jinhtieg li din l-imgieba maghmula matul iz-zmien tkun kreat u nduciet biza' ta' uzu ta' vjolenza lejn persuna specifika, anke jekk aktar minn wahda. Huma fil-fatt hatja ta' offizi kontinwati ghaliex ippersistew fl-istess offiza, anke f'qasir zmien, anke jekk diretti lejn persuni diversi.

Issib ukoll htija fil-konfront ta' **RENO AZZOPARDI** ta' recidiva; issib ukoll htija fil-konfront tal-istess **RENO AZZOPARDI** ghax temmen ix-xhieda ta' Agius u Spiteri ghall-akkuzi mahsuba fil-konfront tal-arma, u dana wara li rat l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 5(1), 51(2), 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
Issib lil **RENO AZZOPARDI** hati wkoll ta' serq ta' cellulari, u dan wara li rat l-Artikoli 261, 269, 270, 275, 277 ilkoll tal-Kapitolu 9 Tal Ligijiet ta' Malta.

Issib ukoll htija fil-konfront ta' **JESMOND HAIDON** fejn si tratta ta' danni kkagunati fl-appartament ta' Spiteri, u dan wara li rat l-Artikolu 325 tal-imsemmi Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll htija fil-konfront ta' **JOANNE ELLUL** fil-konfront tal-addebitu tar-recidiva wara li rat l-Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ma giet esebita lilha ebda sentenza fil-konfront ta' Carmelo Galea ghalhekk qed tilliberah mill-effetti ta' l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll l-fedini penali esebiti, rat ukoll is-social inquiery reports redatti kif mitluba mid-Difiza, semghet it-trattazzjonijiet fejn saru, u qieghda, anke wara li rat l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

tikkundanna lil **Reno Azzopardi** ghal piena karcerarja effettiva ta' erba' snin (4), lil **Carmelo Cutajar** ghal piena karcerarja effettiva ta' ghoxrin (20) xahar, lil **Jesmond Haidon** ghal piena karcerarja effettiva ta' sentejn (2) u lil **Joanna Ellul** ghal piena karcerarja effettiva ta' sentejn (2).

Tikkundannahom ghall-hlas tal-ispejjez peritali fl-ammont ta' erba' mija u disgha u sebghin Ewro u tminn centezmi (€479.08) fi kwoti ndaqs ammontanti ghal mija u dsatax-il Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€119.77), u dan wara l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Tippreciza hawn nil-Qorti li ma haditx in konsiderazzjoni l-ispejjez nkorsi mill-esperti ballistici n kwantu l-iskartocc jidher li nstab ghand Carmelo Galea.

Qieghda tipprojbixxi wkoll illi kull wiehed mill-hatja jkollhom licenzji biex izommu jew igorru kwalunkwe arma, ghal dejjem.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------